MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' Lulju, 2006

Numru 890/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Bernard Zarb**
**Spettur Silvio Valletta**

**V**

**PETER AGIUS**
**ANTHONY GALEA**
**PETER AZZOPARDI**

**Il-Qorti;**
Rat li l-imputat **PETER AGIUS** ta’ sitta w tletin sena, bin Angelo u Rita nee Galea, imwieled Pieta nhar d-disgha ta’ Marzu 1970 u residenti 247, Triq il-Grecja, Naxxar, detentur tal-karta tal-identita numru 131779M, **ANTHONY GALEA** ta’ sitta w tletin sena bin Alfred u Mattea nee Vassallo, imwieled Pieta nhar t-tlieta ta’ Ottubru 1967 u residenti Block E, Flat 10, Triq il-Gilju, Haz Zabbar, detentur tal-karta tal-identita numru 475367M u **PETER AZZOPARDI** ta’ sebgha w tletin sena bin John Mary u

Margaret nee Apap, imwieled Hamrun nhar t-tmienja w ghoxrin ta’ Ottubru 1965 u residenti ‘Shalun’, Triq il-Kurunell Mass, Hal Tarxien, detentur tal-karta tal-identita numru 151179M gew imressqa quddiemha akkuzati talli:

1. Nhar d-disgha ta’ Lulju 2003 u fil-granet ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, fil-fond ‘Flames Bar and Restaurant’ sitwat fil-Marsa, vicin il-korsa taz-zwiemel u fi bnadi ohra f’dawn il-Gezjjer, hadu sehem f’xi loghoba ta’sogru li tintlaghab ghal flus jew valur ta’ flus jew ippermettew l-uzu ta’xi post ghal, jew inkoragixxew dik l-loghba, jew xjentement zammew lil xi ufficjal tal-pulizija li jkun awtorizzat skond l-ligi li jidhol gewwa xi post suspettat li jkun qed jigi wzat bhala dar tal-loghob, milli jidhol f’dak l-post jew xi parti minnu jew impedew jew dewwmu lil xi ufficjal milli hekk jidhol, jew permezz ta’ xi stanga, zbarra jew xi mezz iehor ghalqu ghal kollox b’mod sigur xi bieb ta’ barra jew ta’ gewwa jew mezz ta’ dhul ghal dak l-post, jew inkellha uzaw xi mezz jew invenzjoni li tkun bil-ghan li jzommu, jimpedixxu jew idewwmu d-dhul ta’ dak l-ufficjal gewwa xi post bhal dak jew f’xi parti minnu jew, ghalkemm ma kienux qedghin jiehdu sehem f’xi loghba llegali, kienu siebha ta’ xi gugatur f’xi loghba bhal dik jew li kienu presenti filwaqt li tkun qed ssir xi loghba bhal dik;

**Lil Peter Agius wahdu:**

2. Talli sar recidiv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata l-ewwel ta’ Novembru 1999.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat tletin ta’ Ottubru 2003 ai termini tal-artikolu 48 tal-Att X tas-sena 1998 [Kap 400] fil-konfront tat-tlett imputati [fol 12 et seq] sabiex jittiehdu proceduri kriminali kontra taghhom talli kisru d-dispozizzjonijiet ta’ l-Att X tal-1998.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni kif wkoll ix-xhieda prodotti mid-difiza.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-ghaxra ta’ Lulju 2006.

Ikkunsidrat;

Illi nhar d-dsatax ta’ Novembru 2003, **xehed l-Ispettur Bernard Zarb** [fol 16] fejn qal li fid-disgha ta’ Lulju 2003 kien ordnat jakkumpanja lil shabu biex jghamlu rejd f’bar li hemm f’kantuniera fil-Marsa u meta mar, dahal u sab isfel grupp ta’ nies li kienu qed jaraw t-*television,* partikolarment xi loghob, u kif ikkalmat s-sitwazzjoni, acceda fil-post ‘Flames Bar and Grill’, fejn hemm sab lil Ispettur Silvio Valletta u lil allura Spettur Neil Harrison. Qal li kien hemm xi nies li fuqhom saret tfittxija fejn instabu diversi oggetti konnessi ma loghob tal-imhatri fuq zwiemel u klieb. Qal li fost dawn l-oggetti kien hemm flejjes u xi ricevuti u *betting programs*.

Kompla jghid li ma dawn in-nies kien hemm tnejn mill-imputati u cioe Anthony Galea u Peter Azzopardi. Esibixxa l-flus elevati minn fuq il-persuna tal-imputat Anthony Galea li gew elevati mis-Surgent 90 Jeffrey Gerada u minn PC 1337 Kevin Curmi, fl-ammont ta’ sitt mija sitta w sebghin lira [dokument BZ]. Qal li dak l-hin fl-ewwel sular kien hemm kamra maghluqa u meta dahal fiha kien hemm diversi *television sets* li kienu ghadhom jidhru li kienu ghadhom kemm gew mitfija peress li kienu ghadhom shan u fuq bank, li jidher li kien qed jintuza mill-laghba, kien hemm telefon cellulari tal-marka Samgung bin-numru 99886486 li kien jappartjeni lil imputat Anthony Galea. Ix-xhud esibixxa l-imsemmi telefon cellulari li gie mmarkat bhala dokument BZ 1. Esibixxa wkoll c-cwievet tal-imsemmi lokal li gew mmarkati bhala dokument BZ 2. Kompla jghid li fuq l-bank instabu tnejn u tletin lira li kienu jappartjenu lil imputat Anthony Galea li gew esibiti bhala dokument BZ 3. Zied jghid li meta dahlu fl-imsemmi lokal, ippruvaw jistabbilixxu min kien l-*owner* tieghu u kien hemm xi nies li qalulhom li kien certu Peter Agius, l-imputat l-iehor odjern u qalulhom li dan kellu l-karozza

tieghu ipparkjata faccata tal-imsemmi lokal. Minn tfittxija fl-imsemmi lokal instabet informazzjoni dwar *satellite receivers* u *television sets* u fuq xi *invoices* u hlasijiet ta' cards tas-satellita instab isem l-imputat Peter Azzopardi u l-indirizz tieghu, liema dokumenti gew esibiti wkoll u gew mmarkati bhala dokument BZ 4.

Ix-xhud kompla jghid li meta rritorna l-ufficju tkellem ma diversi nies fosthom lil imputat Peter Azzopardi li sadanitant kienu sabu fuq il-persuna tieghu s-somma ta' mitejn u zewg liri, li gew esibiti bhala dokument BZ 5. Meta dan gie mitkellem, dan qal li hu jiehu hsieb l-loghob hemmhekk mal-imptuat Anthony Galea. Fil-qosor Peter Azzopardi kien qallu li kien ilu ghaddej b'dik l-attivita xi disgha xhur u kien bi hsiebu jieqaf. Qal li staqsieh jekk kienux indunaw bihom kif waslu, dan wiegbu fl-affermattiv u li fil-fixkla, sakkar u halla l-affarijiet hemmhekk warajh. Zied jghid li fost l-affarijiet li nstabu kien hemm wkoll nuccali tax-xemx. Ix-xhud qal li staqsa lil imputat Peter Azzoaprdi dwar xi cwievet ta' karozza tal-ghamla Renault Clio li nstabu wara l-bank u dan kien wiegbu li dawk kienu tal-imputat Anthony Galea. Qal li meta staqsih ta' min kien l-lokal dan kien wiegbu li kien ta' Peter Agius. Ix-xhud esibixxa l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat Peter Azzoaprdi li giet mmarkata bhala dokument BZ 6 u fuqha kkonferma l-firma tieghu, dik ta' PC 515 Matthew Paris u l-firma tal-istess imputat fuq kull faccata taghha.

Ix-xhud kompla jghid li meta tkellem mal-imputat Anthony Galea dan ghal ewwel cahad u qallu li kien hemm peress li s-soltu jkun hemm pero ftit wara biddel l-versjoni tieghu w ikkollobora dak li kien qal l-imputat Peter Azzoprdi u cioe li kien bi shab ma Peter Azzopardi maghruf bhala x-Xalun. Qallu wkoll li kienu ilhom ghaddejjin b'dik l-attivita ghal xi disgha xhur u li kien jaf li l-loghob kien illegali u li Peter Agius kien jikrilhom dak l-lokal biex ikunu jistghu jilghabu fih. Ix-xhud esibixxa l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat Anthony Galea li giet mmarkata bhala dokument BZ 7 u fuqha kkonferma l-firma tieghu, dik ta' PC 515 Matthew Paris fuq kull faccata taghha fil-waqt li l-imputat Anthony Galea kien ghogbu ma jiffirmahiex. Esibixxa wkoll ricevuta tal-oggetti li sabu wara l-bank u cioe cavetta

ta' karozza Renault Clio bin-numru ta' registrazzjoni EBH 934, tal-*mobile phone*, s-*sim card*, is-somma ta' sitt mija sitta w sebghin lira u t-tnejn u tletin lira bhala dokument BZ 8. Qal li eventwalment c-cavetta tal-karozza nghatat lura lil Anthony Galea peress li kellu problema biex isuq il-karozza minn fejn kienet.  Zied jghid li nghatat ricevuta wkoll lil Peter Azzopardi tac-cwievet peress li kien stqarr li kien hu li tefaghhom bl-addocc go kaxxa tal-kartun.

Ix-xhud  kompla jghid li l-ahhar li tkellem kien ma l-imputat Peter Agius li minn naha tieghu cahad li fil-fond tieghu kien isir loghob u meta staqsih hu x'jaghmel bil-post in kwistjoni, dan wiegbu li jhallih hemm biex jitilghu jaraw z-zwiemel.  Zied jghidlu li l-blokka kollha kienet tieghu li kienet tikkomprendi l-'Welcome Bar', u cioe l-ewwel fond li fih kien dahal hu, u l-'Flames', kif wkoll zewg sulari ohra. Qallu wkoll li hu ma kellu x'jaqsam xejn ma loghob li jsir hemm gew u meta staqsih jekk hux responsabbli ghal attivita llegali ta' certu Pierre u Toni minn Haz Zabbar, li hu maghruf bhala z-Zabbari, l-imputat Peter Agius kien wiegbu li iva meta jkun l-bar miftuh.  Ix-xhud esibixxa l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat Peter Agius li giet mmarkata bhala dokument BZ 11 u fuqha kkonferma l-firma tieghu, dik ta' PC 1226 Joseph Cutajar fuq kull faccata taghha u filwaqt li l-imputat odjern Peter Agius kien ghazel li ma jiffirmax.

Nhar t-tmienja ta' Jannar 2004 ex Spettur Bernard Zarb esibixxa sett ritratti li gew mmarkati bhala dokument ST [fol 40].

Illi nhar d-dsatax ta' Ottubru 2004 **xehed ghal darb'ohra l-ex Spettur Bernard Zarb** [fol 97] fejn qal li hu kien l-ispettur investigattiv fil-proceduri odjerni li ttiehdu. Mistoqsi jghid x'kunsens hareg l-Avukat Generali f'dak l-kaz, jekk hargux bil-proviso tal-multa jew le, x-xhud wiegeb li ma kienx cert u li ried jarah qabel ma jirrispondi. Qal li l-kaz odjern jikkoncerna l-lokal 'Flames Bar'.  Qal li hu ma kien sab lil hadd jilghab f'dan l-ahhar imsemmi lokal u li fil-'Welcome Bar' kien sab loghob ta' tlielaq jew taz-zwiemel jew tal-klieb fuq *monitors*.  Zied jghid li fl-ispezzjoni li kien ghamel hu fil-lokal 'Flames Bar', hu kien

eleva xi dokumenti li effettivament kien spezzjona, liema dokumenti kienu relatati ma bejgh ta' *televisions* li kienu jghajjtu lil Peter Azzopardi. Mistoqsi jekk kienx hemm wkoll xi bejgh ta' *decorders* x-xhud m'gharafx iwiegeb. Qal li l-imputati a tempo vergine qalulu li kien qed isir loghob tat-tlielaq dwar zwiemel u klieb fuq il-*monitors*. Prova kuntrarja ghal dak li qalulu l-imputati ma kellux. Qal li t-*televsions* gew elevati mill-Ispettur Silvio Valletta u mhux minnu ghalkemm kien jaf li kienu jidhru li kienu mixghula ftit qabel. Qal li mad-dokumenti li sab fuq il-post kien hemm karti relatati ma tigrijiet kif ukoll xi *slips* li fuqhom kien hemm informazzjoni dwar tigrijiet tal-*jockeys* partikolari.

Illi nhar d-dsatax ta' Novembru 2003, **xehed Philip Agius** [fol 34] fejn qal li hu jokkupa l-kariga ta' Control Officer fil-Gaming Authority. Qal li minn ricerka li hu gie mitlub jaghmel dwar Peter Agius detentur tal-karta tal-identita numru 13177M, Anthony Galea detentur tal-karta tal-identita numru 475367M u Peter Azzopardi detentur tal-karta tal-identita numru 151179M, sabiex jara jekk ghandhomx permess biex jawtroizzaw loghob, rrizultalu li dawn il-persuni m'inghatawx permess mill-Gaming Authority ghal din l-attivita. Qal li huma ma jawtorizzawx permessi ta' *public lotto*. Qal li ma jezisti ebda permess biex jibbettjaw fuq zwiemel jekk mhux mill-*betting office* li johrog taht l-Gaming Authority, liema permess johrog f'isem kumpanija li tkun registrata hawn Malta mhux persuna fizika. Qal b'certezza li permessi f'isem l-persuni fuq imsemmija personalment ma hemmx.

Illi nhar t-tmienja ta' Jannar 2004 **rega' xehed Philip Agius** [fol 47] fejn qal li l-Gaming Authority tirregola *casinos* u *betting offices* li jfisser li huma kumpaniji registrati Malta li jistghu jmexxu fuq *internet, video lottery terminals* w affarijiet simili. Qal li b'dan ried ifisser li jekk ikun hemm xi ufficju li jirregola l-loghob taz-zwiemel fuq il-*monitors*, dawn iridu jkunu registrati f'kumpaniji. Ma jistghux jippartecipaw fihom xi nies maltin, ghalkemm impjegati maltin jista jkollhom.

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta’ Gunju 2004 **xehed ghal darb’ohra Philip Agius** [fol 57] fejn qal li Peter Agius detentur tal-karta tal-identita numru 13177M, Anthony Galea detentur tal-karta tal-identita numru 475367M u Peter Azzopardi detentur tal-karta tal-identita numru 151179M m’humiex impjegati ta’ ebda betting office registrat mal-Gaming Office cioe awtorizzat minnhom.

Illi nhar d-dsatax ta’ Ottubru 2004 **xehed ghal darb’ohra Philip Agius** [fol 81] fejn mistoqsi jaghti lista tal-loghob li jikklassifikaw bhala *games of chance* taht l-Gaming Authority wiegeb li skond r-referta li rcieva hu kellu jixhed fuq *authorised games* u mhux *fuq games of chance* u li hemm differenza bejn iz-zewg listi. Qal li *games of chance* jiddependi fuq *luck*, ma hemmx abilita filwaqt li l-loghob l-iehor ma hemmx *luck*, hemm biss bzonn ta’ kapacita. Hemm bzonn *luck* u kapacita flimkien. Hu esibixxa lista ta’ dak l-loghob li hu awtorizzat mill-Gaming Authority li giet mmarkata bhala dokument X. Ikkonferma li *games of chance* skond d-dokument esibit huma *roulette, slot machine* filwaqt li l-*Racecourse Ordinance betting* jaqa taht l-Kummissarju tal-Pulizija. Ikkonferma li l-Gaming Authority ma jidholx fil-kwistjoni ta’ *race course betting* u li dan hu *listed* taht l-artikolu 43 tas-sitt skeda tal-*Lotteries and Other Games* tal-Kap 438 w ir-regolamenti taghhom ghadhom mhux in vigore. Qal li llum ma hemm ebda legislazzjoni ghal *race course bet* u *bets* ohra maghmula permezz ta’ *remote games*.

Illi nhar d-dsatax ta’ Novembru 2003 **xehed PC 515 Matthew Paris** [fol 36] fejn wara li ra d-dokument BZ 6, li hi l-istqarrija rilaxxjata minn Peter Azzopardi, ikkonferma fuqha l-firma tieghu, dik ta’ l-ex Spettur Bernard Zarb kif wkoll dik tal-imputat fuq kull faccata taghha u li din giet rilaxxjata wara li l-imputat li gharaf presenti fl-awla, gie moghti s-solita twissija. Meta gie muri d-dokument BZ 7, li hi stqarrija rilaxxjata mill-imputat Anthony Galea, li gharaf presenti fl-awla, x-xhud ikkonferma fuqha l-firma tieghu, dik ta’ l-ex Spettur Bernard Zarb fuq kull faccata taghha filwaqt li l-imputat Anthony Galea kien ghogbu ma jiffirmahiex. Ikkonferma li din giet rilaxxjata wara li l-imputat, gie moghti s-solita.

Illi nhar t-tmienja ta’ Jannar 2004 **xehed PS 90 Jeffrey Gerada** [fol 41] fejn qal li fid-disgha ta’ Lulju 2003, hu kien involut fi tfittxija li saret fil-fond ‘Flames Bar’ fil-Marsa u meta saret tfittxija fuq il-persuna ta’ l-imputat Anthony Galea li gharaf presenti fl-awla, mill-but tieghu giet elevata s-somma ta’ sitt mija sitta w sebghin lira maltin. Qal li mieghu kien hemm PC 1337 Kevin Curmi. Zied jghid li dan il-flejjes gew issiggillati w huma u l-imputat Anthony Galea ffirmaw fuq l-envelopp. Zied jghid li meta telghu fl-ewwel sular ta’ dan il-bar, hemm sabu speci ta’ sala u min hemmhekk elevaw diversi karti li esibixxa whud minnhom li gew mmarkati bhala dokument ST 1. Kompla jghid li waqt tfittxija hemmhekk nstabu mazz cwievet go kaxxa tal-kartun li jidhru fir-ritratt esibit bhala dokument X liema cwievet qablu mal-bieb li kien jaghti ghal go kamra ohra li tidher fir-ritratt dokument Y, u li meta dahlu fiha, sabu diversi *monitors* fuq xkaffa. Qal li kien hemm bank u cavetta ta’ vettura tal-ghamla Renault Clio fuqu u minn hemmhekk eleva xi karti ohra li esibixxa u li gew immarkati bhala dokument ST 2. Zied jghid li minn hemm elevaw wkoll diversi oggetti li deherilhom kienu konnessi mal-loghob. Mistoqsi jekk kienx hemm xi monitor minn dawk indikati fir-ritratt dokument Y, ix-xhud wiegeb li ma jiftakarx li kien hemm.

Illi nhar t-tmienja ta’ Jannar 2004 **xehed PC 1337 Kevin Curmi** [fol 45] fejn qal li fid-disgha ta’ Lulju 2003, hu kien involut f’investigazzjoni li saret fil-fond ‘Flames Bar’ fil-Marsa. Qal li mieghu kien hemm PS 90 Jeffrey Gerada u l-ex Spettur Bernard Zarb. Qal li hu kien assista fi tfittxija li saret fuq il-persuna ta’ l-imputat Anthony Galea li gharaf presenti fl-awla, u li mill-but tieghu giet elevata s-somma ta’ sitt mija sitta w sebghin lira maltin li giet elevata flimkien ma dokumentazzjoni. Qal li din giet elevata mill-kamra li hemm sovraposta ghal dan l-bar fejn kien hemm l-imputat Anthony Galea. Mistoqsi jekk kienx hemm xi nies ohra presenti, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv. Zied jghid li PC 90 Jeffrey Gerada gibidlu l-attenzjoni ghal imputat Anthony Galea. Mistoqsi jekk kienx hu li eleva l-*monitors* u t-*televisions*, ix-xhud wiegeb fin-negattiv.

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Gunju 2004 **xehed Philip Spiteri** [fol 58] li jahdem bhala fizzjal d-dwana. Ix-xhud esibixxa sitt tapes mehuda d-dwana sa tlett ijiem ghal perjodu tat-tmienja, d-disgha u l-ghaxra ta' Awissu 2002. Zied jghid li dawn t-tapes ittiehdu mid-dwana u mhux minnu. Qal li hi procedura awtomatika tac-CCTV.

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Gunju 2004 **xehed PC 1525 Patrick Farrugia** [fol 59] fejn ikkonferma li r-ritratti esibiti fl-atti bhala dokument ST gew mehuda minnu fuq struzzjonijiet moghtija lilu mill-ex Spettur Bernard Zarb u spetturi ohra li kienu fuq il-post dakinhar li saret t-tfittxija in kwistjoni.

Illi nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Gunju 2004 **xehed l-Ispettur Silvio Valletta** [fol 61] fejn qal li nhar d-disgha ta' Lulju 2003, kien ordna lil diversi ufficjali sabiex imorru l-Marsa fejn isiru t-tigrijiet taz-zwiemel biex jaghmlu tfittxijiet hemmhekk minhabba loghob tal-azzard. Qal li billi shabu dahlu f'hanut ta' taht, hu tela' f'hanut iehor li jismu 'Flames' u fl-ewwel sular tighu kien hemm diversi nies, biss il-bieb kien maghluq. Qal li meta bdew jistaqsu x'kienu qed jaghmlu hemm, wiegbu li kien ser isir xi kuntratt. Qal li ftit wara nstabu c-cwievet ta' dan il-bieb. Qal li hdejn dan il-bieb kien hemm diversi kaxxi u siggijiet ppustjati fuq xulxin u f'wahda mill-kaxxi tal-kartun kien hemm sett cwievet u meta dawn tqabblu ma dan il-bieb rrizulta li wahda qablet mieghu u meta infetah, irrizulta li din il-kamra kienet *airconditioned*, u fiha kien hemm diversi *televisions* li kienu ghadhom shan u li ma kienx ilhom li gew mitfija. Zied jghid li meta nxteghlu, dehru fuqhom tigrijiet taz-zwiemel. Qal li fil-kamra kien hemm diversi karti konnessi ma dan l-loghob. Qal li taht t-*televisions* kien hemm xi karti konnessi ma loghob bil-*bets* mwahhla. Qal li wara l-bank kien hemm cavetta ta' karozza u *mobile*. Zied jghid li minn investigazzjonijiet li ghamel rrizulta li sid il-post kien certu Peter Agius u meta staqsew fejn kien, kien gie muri l-vettura tieghu pparkjata hemmhekk, pero hu ma kienx hemm. Qal li l-erbgha jew hames *televisions* li kien hemm gew elevati mill-pulizija. Qal li fil-mori tal-investigazzjoni kien hemm wiehed mill-imputati li ammetta li kien qed jiehu hsieb f'isem Peter

Agius u meta dan tal-ahhar gie mitkellem, dan cahad l-involviment tieghu anzi qal li hu kien biss jikri hemmhekk u ma kienx jaf x'kien qed jigri. Qal li sussegwentement gie nfurmat mill-ex Spettur Bernard Zarb li kien hemm xi ammissjonijiet mit-tlett imputati li kienu hemmhekk jzommu loghob tal-azzard dwar zwiemel u klieb fuq t-*televisions*.

Illi nhar d-dsatax ta' Ottubru 2004 **xehed ghal darb'ohra l-Ispettur Silvio Valletta** [fol 84] fejn qal li hu kien ha sehem fit-tfittxija u li kien minnu li l-imputat Peter Agius hu proprjetarju ta' blokk t'appartamenti u *maisonette*. Qal li kien jaf li l-imputat Peter Agius kellu xi kawzi mal-Ispettur Carmelo Bartolo.

Illi nhar l-hamsa ta' Lulju 2006 **xehed ghal darb'ohra l-Ispetur Silvio Valletta** [fol 100] fejn qal li meta acceda fil-lokal in kwistjoni sab loghob relatat ma tigrijiet ta' zwiemel u li meta xeghlu t-*televisions*, zwiemel gew fuq l-is*creen*. Qal li d-dokumenti li sabu fuq il-post kienu kollha relatati ma tigrijiet ta' zwiemel w informazzjoni fuq zwiemel li kienu ser jiehdu parti fit-tigrija.

Ikkunsidrat:

Illi l-kawza odjerna si tratta fuq loghob li sar dwar tigrijiet taz-zwiemel murija fuq *monitors*. M'hemmx dubbju li meta l-ispettur u ufficjali ohra tal-korp tal-pulizija dahlu fil-fond in kwistjoni u cioe` *Flames Bar* sabu diversi oggetti relatati ma' imhatri, ta' tigrijiet fuq zwiemel.

Illi l-Kap. 400 imsejjah *'Gaming Act'* fil-fatt jipprovdi sabiex isir *" provision in place of the cursal Ordinance for the Licensing of the Casinos, for the regulation of casinos and gaming therein by the Lotteries and Gaming Authority and for the purposes connected therewith or ancillary thereto."*

Illi minn ezami ta' dawn il-kliem jirrizulta bic-car li l-Kapitolu 400 huwa intiz biex jirregola l-*casinos*. Il-legislatur hass il-htiega biex jirregola dawn l-istituzzjonijiet u l-ghoti tal-licenzja biex jigu operati *Casinos* f'Malta. Il-legislatur irid li l-loghob isir biss f'post kopert b'licenzja.

Illi l-imputati gew akkuzati bir-reat kif dispost fl-artikolu 46 ta’ l-istess Kap. 400 intitolat loghob illegali.

Illi dan ir-reat fih diversi elementi li l-Prosekuzzjoni trid tipprova sal-grad rikjest mil-ligi b’mod partikolari li:

1) l-loghob qed isir gewwa fond li mhux licenzjat ghal dawk l-atti jew bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta’ dan l-Att jew ta’ kull regolament maghmul taht dan l-att.

2) jiehu sehem f’loghob ta’ sogru ‘*game of chance’* li tintlaghab ghall-flus jew valur ta’ flus.

3) Jew alternattivament li ppermetta l-uzu ta’ xi post jew inkoragixxa dik il-loghba, u cioe` dik ta’ sogru.

Illi ghalhekk fl-ewwel lok il-Prosekuzzjoni trid tipprova li l-*Flames Bar* m’huwiex kopert b’licenzja Maltija taht dan l-Att, u cioe` bil-koncessjoni li l-Ministru Responsabbli ghall-Finanzi jaghti taht l-artikolu 3, u li l-imputati m’ghandhomx lanqas tali licenzja biex jippartecipaw f’xi loghob ta’ sogru.

Fit-tieni lok il-Qorti trid tqis li jekk imhatri fuq *satellite television* dwar tigrijiet ta’ zwiemel jammontax ghal loghob ta’ sogru u inoltre jrid jigi pprovat li l-imputati ppermettew dak il-loghob ta’ sogru isir f’post mhux licenzjat taht din il-ligi.

Illi mix-xhieda li ta Philip Agius, *Control Officer* fil-*Gaming Authority,* jirrizulta li mir-ricerka li ghamel fuq it-tliet imputati odjerni ma jirrizultax li dawn ghandhom xi permess mill-Awtorita` tal-Loghob sabiex ihejju l-attivita` ta’ loghob ta’ sogru. Mistoqsi jekk hemmx permess fuq xi individwu fiziku sabiex jibbettja fuq iz-zwiemel, ix-xhud spjega li tali permess johrog f’isem socjeta` fizika, u dan mill-Awtorita` tal-Loghob u mhux persuna individwali. In effetti spjega li l-ufficcju fejn huwa permess li jsir *betting* fuq zwiemel irid ikun licenzjat taht kumpanija fizika bimpjegati Maltin. Illi nhar it-23 ta’ Gunju, 2001 rega’

xehed l-istess Agius u kkonferma li l-imputati m'humiex impjegati ma' xi *betting office* registrat mal-*Gaming Office*.

Ix-xhud spjega wkoll x'inhu loghob ta' sogru u qal li kull loghob li jiddependi fuq il-fortuna u ma hemm l-ebda abbilta` fil-loghob biex tirbah waqt li fil-loghob l-iehor hemm bzonn biss kapacita` u mhux sogru. Huwa spjega u qal li loghob ta' sogru hu *roulette* u *slot machines*, u cioe` dawk il-loghob bhal normalment isehh gewwa *Casino*.

Spjega u qal li r-*racecourse betting* huwa regolat b'ligi ohra, u cioe` *Lotteries and other Games,* Kap. 438 u mhux l-Ordinanza odjerna, ghalkemm ikkonferma wkoll li ma hemm l-ebda ligi li tikkontrolla l-loghob ta' tlielaq fil-korsi maghmula permezz ta' satellita.

**Illi ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti dak li kienu qed jaghmlu l-imputati ma jaqax taht id-definizzjoni ta' loghob ta' sogru kif imfisser f'din il-legislazzjoni u l-atti maghmula minnhom ma jikkostitwux ksur ta' din l-Ordinanza li gew akkuzati biha, apparti l-fatt li prova li l-fond *Flames Bar* mhux licenzjat mal-*Gaming Authority* ma ngabitx.**

Illi ghalhekk, **il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 48 tal-Att X tas-sena 1998 [Kap 400] dwar il-Loghob, **tiddikjara li mhux qed issib lill-imputati PETER AGIUS, ANTHONY GALEA u PETER AZZOPARDI hatja tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghhom u konsegwentement tilliberahom minnhom.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------